

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) NRU 151/2012

tal-21 ta' Frar 2012

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ġertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ġertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jelenka l-persuni koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi taħbi dak ir-Regolament. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jelenka l-awtoritajiet kompetenti li għalihom huma attribwiti funzjonijiet spċifici relatati mal-implementazzjoni tar-Regolament.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tas-15 ta' Frar 2011<sup>(2)</sup> dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe tidentifika l-persuni legali u fiż-żi li għalihom jaġi kaw ir-restrizzjonijiet kif provdu fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni, u r-Regolament (KE) Nru 314/2004 idħħal fis-seħħ dik id-Deċiżjoni sal-punt li l-azzjoni fil-livell ta' Unjoni tkun meħtieġa. L-Anness III tar-Regolament (KE)

Nru 314/2004 għandu, għalhekk, jiġi emendat sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' dik id-Deċiżjoni tal-Kunsill,

- (3) l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu jiġi aġġornat fuq il-bażi tal-informazzjoni l-aktar reċente pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness III li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu jiġi sostitwit bl-Anness I li jinsab ma' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

L-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu jiġu sostitwit bl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaġi applika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni,  
Fissem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Politika Estera Strumenti

<sup>(1)</sup> ĠU L 55, 24.2.2004, p.1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6-23.

## ANNESS I

## “ANNESS III

**Lista ta' persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 6****I. Persuni**

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(1)	Mugabe, Robert Gabriel	President, imwieleđ fil-21.2.1924; Passaport AD001095.	Kap tal-Gvern u responsabbi għal attivitajiet li jimmaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-stat tad-dritt.
(2)	Abu Basutu, Titus Mehliswa Johna	General tal-Korpi tal-Ajru, in-Nofsinhar ta' Matebeleland.. Imwieleđ fit-2.6.1956	Ufficijal militari anzjan, involut direttament fil-kampanja ta' terror imwettqa qabel u matul l-elezzjonijiet fiziż-żona ta' Gwanda. Deputat għall-Marixall tal-Ajru Perence Shiri (100 fuq il-lista).
(3)	Bonyongwe, Happyton Mabhuya	Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Ċentrali tas-Servizzi Sigreti, imwieleđ fis-6.11.1960; Passaport: AD002214; ID: 63-374707A13	Membru anzjan tas-sigurtà assoċjat mill-qrib mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF ( <b>Zimbabwe African National Union – Patriotic Front</b> ) u kompliċi fil-formazzjoni jew it-tmexxija tal-politika ripressiva tal-istat. Akkużat bil-ħtif, it-tortura u l-qtıl ta' attivist tal-MDC (Moviment għall-Bidla Demokratika) f'Għanju 2008.
(4)	Buka (magħruf ukoll bħala Bhuka), Flora	Ufficiċċju tal-President (eks-Ministr tal-Istat għall-Affarijiet Speċjali responsabbi għall-Programmi tal-Artijiet u r-Riokkupazzjoni, eks-Ministr tal-Istat fl-uffiċċju tal-Viċi President u eks-Ministr tal-Istat għar-Riforma tal-Artijiet fl-UFFIċĊJU tal-President), imwielda fil-25.2.1968.	Ministru tal-Istat fl-Ufficiċċju tal-Viċi President Nkomo Responsabbi għall-organizzazzjoni ta' vjolenza fiziż-żona ta' Gokwe u l-immirar tal-mexxejja tal-MDC fl-2008.
(5)	Bvudzjena, Wayne	Assistent Kummissarju tal-Pulizija, Kelliem għall-Pulizija; Imwieleđ fl-24.04.1958. ID: 29-008792V71,	Membru anzjan tal-forza tal-pulizija. Kelliem għall-pulizija. Fl-2008 akkużta lill-MDC li ta' kenn lil-dawk responsabbi għall-vjolenza elettorali fil-kwartieri ġenerali provinċjali u nazzjonali tal-MDC.
(6)	Chapfika, David	Eks-Deputat Ministru għall-Agrikoltura (eks-Deputat Ministru għall-Finanzi), imwieleđ fis-7.4.1957; Passaport: ZL037165. ID: 63-052161G48	President nazzjonali tal-Kumitat tal-ġbir ta' fondi taż-ZANU-PF, sponsorja l-milizji fl-2008 billi pprovda appoġġ għall-bażżejjet tal-milizja fiziż-żona ta' Hoyuyu f'Mutoko.
(7)	Charamba, George	Segretarju Permanent, Dipartiment tal-Informationi u l-Pubbliċità, imwieleđ fl-4.4.1963; Passaport AD002226; Passaport AD001255 ID: 07-003617B07	Impjegat anzjan tas-servizz ċivili assoċjat mill-qrib mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
(8)	Chidarikire, Faber Edmund	Gvernatur tal-Provinċja għall-Mashonaland tal-Punent, eks-Sindku ta' Chinhoyi, imwieleđ fis-6.6.1946; ID: 70-056539L70	Eks-sindku taż-ZANU-PF f'Chinoyi u gvernatur provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.

	Isem (u psewdomini possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(9)	Chigudu, Tinaye Elisha Nzirasha	Eks-Gvernatur Provinċjali: ta' Manicaland. Imwied fit-13.08.42. Passaport AD000013. ID 63-022247R42.	Eks-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri fiż-Żimbabwe u eks-gvernatur provinċjali ta' Manicaland. Assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Ġunju 2008 ordna ripressjoni tal-partitarji tal-MDC
(10)	Chigwedere, Aeneas Soko	Gvernatur tal-Provinċja: Il-Lvant ta' Mashonaland, eks-Ministru, imwied fil-25.11.1939. ID 25-15430J80	Gvernatur Provinċjali assoċiat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
(11)	Chihota, Phineas	Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ Internazzjonali. Imwied fit-23.11.1950.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Hedded partitarji tal-MDC bil-mewt u huwa assoċiat mas-sekwestru u t-tortura ta' nies f'Ġunju 2008.
(12)	Chihuri, Augustine	Kummissarju tal-Pulizija, imwied fil-10.3.1953. Passaport AD000206. ID 68-034196M68	Ufficijal anzjan tal-pulizija u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt, assoċiat mill-qrib mal-politiki ripressivi taż-ZANU-PF. Stqarr pubblikament li jappoġġa liż-ZANU-PF fkontravenzjoni tal-Att tal-Pulizija. F'Ġunju 2009 ordna lill-pulizija biex iwaqqgħu l-każijiet kollha relatati mal-qtıl li twettaq fiż-żmien ta' qabel l-elezzjoni Presidenzjali ta' Ġunju 2008.
(13)	Chinamasa, Patrick Anthony	Ministru tal-Ġustizzja, l-Affarijiet Legali u Parlamentari, imwied fil-25.1.1947. ID 63-005591M42.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(14)	Chindori-Chininga, Edward Takaruza	Eks-Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwied fil-14.3.1955. Passaport AN388694. ID 63-377216C71.	Eks-membru tal-Gvern b'rabitiet attwali mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF bħala Membru tal-Parlament taż-ZANU-PF. Kmandant tal-bażijiet tal-milizia f'Guruve fiż-żmien ta' qabel l-elezzjonijiet tal-2008.
(15)	Chinotimba, Joseph	Viċi-President taż-Żimbabwe National Liberation War Veterans Association, mexxej tal-milizia ZANU-PF. Imwied fil-06.06.1957. ID 63-312672W11.	Matul l-elezzjonijiet tal-2008 Chinotimba mexxa grupp li qedet id-dar ta' Admore Chibutu. Flimkien ma' membri tal-armata u partitarji taż-ZANU-PF huwa attakka d-dar ta' Tongeyi Jeremiah f'Mejju 2008.
(16)	Chipanga, Tongesai Shadreck	Eks-Viċi Ministru tal-Affarijiet Interni, imwied fil-10.10.1940 alt 10.10.1946.	Eks-membru tal-Gvern u eks-direttur tal-pulizija sigrieta taż-Żimbabwe, assoċiat ma' qtıl b'motivi politiċi.
(17)	Chipwere Augustine	Brigadier General, eks-Kurunell, in-Nofsinhar ta' Bindura	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur ta' qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Responsabbli għal taqlib politiku f'Bindura. Ufficijal militari anzjan, promoss mill-President fl-2011.
(18)	Chiwenga, Constantine	Kmandant tal-Forzi ta' Difiża taż-Żimbabwe, General (eks-Kmandant tal-Armata, Logutent General), imwied fil-25.8.1956. Passaport AD000263. ID 63-327568M80	Membru tal-Kmand Operattiv Konġunt u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika ripressiva tal-istat. Uża l-armata għall-ħtif ta' azjendi agrikoli. Matul l-elezzjonijiet tal-2008 kien arkiett prim tal-vjolenza assoċjata mal-proċess taż-żmien ta' qabel l-elezzjoni Presidenzjali.
(19)	Chombo, Ignatius Morgan Chiminya	Ministru tal-Gvernijiet Lokali, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Iżvilupp Urban, imwied fil-1.8.1952. Passaport AD000500. ID 70-086938D70.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u responsabbli għal ħidma li mminn lill-MDC fil-gvern lokali bir-restrizzjoni ta' finanzjament u b'molestja.

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(20)	Dinha, Martin	Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland Ċentrali.	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. Involut fit-tixxil ta' azjendi agrikoli fil-konċessjoni tal-villaġġ ta' Rockwood fl-2009.
(21)	Goche, Nicholas Tasunungurwa	Ministru tat-Trasport, tal-Komunikazzjoni u tal-Infrastruttura (eks-Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali fl-Uffiċċċu tal-President), imwieleq fl-1.8.1946. ID 63-355978S68	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Ġunju 2008 uża l-forza fuq l-NGOs kollha biex iwaqqfu x-xogħol tagħihom fuq il-post u d-distribuzzjoni tal-ikel. Responsabbli għall-bażi tal-milizja f'Shamva u implikat fi vjolenza fdik iż-żona.
(22)	Gono, Gideon	Gvernatur tal-Bank tar-Riżerva (bank ċentrali) taż-Żimbabwe, imwieleq fid-29.11.59. Passaport AD000854. ID 58-001824K07	Rabtiet mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika ripressiva tal-istat. Idderiġa fondi illegalment għaż-żanu.
(23)	Gurira, Cephas T.	Brigadier; eks-Kurunell, Forzi tad-Difīza taż-Żimbabwe. Imwieleq fl-1.5.1963. ID 29-061056D29	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Responsabbli għall-inċitament ta' vjolenza f'Mhondoro.
(24)	Gwekwerere, Stephen (isem assunt Steven)	Kurunell, Chinhoyi.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u matul l-elezzjonijiet. Parti mill-grupp li attakka persuni f'Chinoyi fl-2008.
(25)	Kachepa, Newton	Membru Parlamentari għat-tramuntana ta' Mudzi. Imwieleq fl-10.2.70. ID 32-088209M48	Membru Parlamentari, involut fil-qtil ta' Peter Tom Butao fl-14 ta' April 2008 u ta' Kingswell Mateta f'Lulju 2008. Huwa mexxa t-tortura ta' ħafna partarji tal-MDC fil-kostitwenza tiegħu.
(26)	Karakadzai, Mike Tichafa	L-Ġola Fizzjal tal-Forzi tal-Ajru, Provinċja Metropolitana ta' Harare. Imwieleq fis-7.3.57. ID 63-632526N13.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet billi mexxa s-sekwestri u l-vjolenza f'Harare fl-2008.
(27)	Kasukuwere, Saviour	Viċi Ministru tal-İzvilupp taż-Žgħażaq u l-Indiġenizzazzjoni u l-Emanċipazzjoni u Deputat Segretarju għall-Affarijiet taż-Žgħażaq tal-Politburo taż-ZANU-PF, imwieleq fit-23.10.1970.. ID 45-046113Q45.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Organizza lil dawk involuti f'rewwixti vjolenti f'Harare fi Frar 2011.
(28)	Kazangarare, Jawet	Kunsillier taż-ZANU-PF f'Hurungwe tat-Tramuntana u veteran tal-gwerra. Imwieleq fit-12.4.1957. ID 38-102814B58.	Direttament involut fil-kampanja ta' terrur orkestrata mill-gvern li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet fl-2008. Responsabbli għat-tmexxija tal-persekuzzjoni vjolenti ta' partarji tal-MDC f'Hurungwe, li tinkludi stupru, qtil u qerda ta' djar u involut b'mod partikulari fil-qtil ta' Tapiwa Mubwanda, aġġent elettorali tal-MDC fit-Tramuntana ta' Hurungwe f'Meju 2008.
(29)	Khumalo, Sibangumuzi	Brigadier General, Matebeleland tat-Tramuntana. Imwieleq fis-16.8.1954. ID 08-448357W73.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u matul l-elezzjonijiet. Fi Frar 2011, huwa ġie allegat li kien parti mill-istratgija għat-twettiq ta' vjolenza u terrur billi bagħħat uffiċjali anżjani għall-koordinazzjoni ta' kampanja mmirata biex iż-żommil lil Mugabe fil-poter.
(30)	Kunonga, Nolbert (magħruf ukoll bħala Nolbert)	Appunta lilu nnifsu Isqof Anglikan.	Jappoġġa b'mod voċiferu lir-régim. Dawk li segewwh kienu appoġġati mill-pulizija fit-twettiq ta' atti ta' vjolenza kontra s-sostenituri tal-knisja fl-2011.

	Isem (u psewdomini possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(31)	Kwainona, Martin	Assistent Kummissarju, imwieleed fid-19.1.1953; Passaport AD001073. ID 63-293627V45	Uffiċjal anzjan tal-pulizija, ta ordnijiet lill-awtoritajiet lokali biex jinstigaw vjolenza fil-Villaġġ' ta' Kanyuchi, f'Mount Darwin f'April 2008.
(32)	Kwenda, R.	Maġġur, Zaka tal-Lvant.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u matul l-elezzjonijiet. Kap tal-vjolenza f'Zaka fl-2008.
(33)	Langa, Andrew	Viċi Ministru tas-Servizz Pubbliku (eks-Viċi Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni). Imwieleed fit-13.1.65. ID 21-017934E21.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Fl-2005 fetaħ in-nar fuq 11-il membru tal-Assemblea taż-Żgħażaq tal-MDC. Intimida votanti f'jum l-elezzjoni tal-2008.
(34)	Mabunda, Musarashana	Assistent Kummissarju tal-Pulizija. Imwieleed fil-11.11.58. ID 22-026198T13	Membru tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbità estensiva għal vjolazzjonijiet gravi tal-ħelsien biex jitlaqqgħu ġemgħat paċċifiċi. Mexxa s-swat, it-tortura u r-ripressjoni tal-11 ta' Marzu 2007. F'Ġunju 2008 hedded li joqtol lil Lovemore Madhku.
(35)	Machaya, Jason (magħruf ukoll bħala Jaison) Max Kokera	Gvernatur tal-Provinċja: Midlands. Eks-Viċi Ministru għall-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwieleed fit-13.6.1952. ID 26-003018Z26.	Gvernatur tal-Provinċja: Midlands. Assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. Għamel użu minn influwenza biex jimblokka l-investigazzjoni ta' qtil b'motivji politiċi li allegatament twettaq minn ibnu.
(36)	Made, Joseph Mtakwese	Ministru tal-Inġinerija u l-Mekkanizzazzjoni Agrikola (eks-Ministru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, imwieleed fil-21.11.1954. Passaport AN000144. ID 29-128547N42	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF
(37)	Madzongwe, Edna (magħrufa wkoll bħala Edina)	President tas-Senat taż-ZANU-PF, mwielda fil-11.7.1943. ID 63-748119H32	Membru tal-politburo taż-ZANU-PF. Għamlet użu minn influwenza biex timmotiva prosekuzzjonijiet politiċi fi Frar 2008. Involuta fi vjolenza f'Chegħutu inkluż fl-akkwist ta' Stockade Citrus Estate fl-2008, billi tat ordnijiet diretti lil dawk li mexxew ir-ripressjoni.
(38)	Mahofa, Shuvai Ben	Eks-Viċi Ministru tal-Iżvilupp taż-Żgħażaq, il-Ġeneri u l-Ħolqien tal-Impjieg, imwieleed fl-4.4.1941. Passaport AD000369. ID 27-031942V27	Sponsorja lil dawk li stabbilixxew bażżejjiet ta' tortura f'Masvingo. Persuni minn dawn il-bażżejjiet qatlu lil Mapurisa Zvidzai fl-24 ta' April 2008 u lil Tiziro Moyo fil-11 ta' Ġunju 2008.
(39)	Maluleke, Titus	Gvernatur tal-Provinċja: Masvingo (eks-Viċi Ministru tal-Edukazzjoni, l-Isport u l-Kultura).	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-membri tal-gvern taż-ZANU-PF. Appoġġa pubblikament l-invażjonijiet tal-art f'Masvingo fl-2009.
(40)	Mangwana, Paul Munyaradzi	President tal-Kunitat ta' Għażla Kostituzzjonal (COPAC) u eks-Ministru tal-Istat għall-Indiġenizzazzjoni u l-Emanċipazzjoni, imwieleed fl-10.8.1961. Passport AD000459. ID 22-017031E12	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Sponsorja u mexxa attivitajiet tal-klikek ta' terrur taż-ZANU-PF fiċ-Ċentru ta' Chivi f'Mejjju/Ġunju 2008.

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(41)	Marumahoko, Reuben	Viċi Ministro tal-Integrazzjoni Reġjonali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali u eks-Viċi Ministro tal-Affarijjiet Barranin (eks-Viċi Ministro tal-Affarijjiet Interni), imwieleq fl-4.4.1948. ID 63-311317Y71	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Kmandant tal-milizia taż-ZANU-PF f'Hurungwe. Ma' grupp ta' partitarji taż-ZANU-PF u veterani tal-gwerra, huwa attakka lil partitarji tal-MDC u qered diversi djar fid-distrett ta' Hurungwe bejn April u Lulju 2008.
(42)	Mashava, G.	Kurunell, Chiredzi Ċentrali.	Mexxa vjolenza b'motivi politiċi f'Chirendzi fl-2008.
(43)	Masuku, Angeline	Gvernatur tal-Provinċja: In-Nofsinhar ta' Matabeeland (Segretarju għall-Persuni b'Diżabbiltà u l-Iżvantaġġati tal-Politburo taż-ZANU-PF), imwiedla fl-14.10.1936. ID 08-266228E19	Gvernatur Provinċjali assoċiat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
(44)	Mathema, Cain Ginyilitshe Ndabazekhaya	Gvernatur Provinċjali, Bulawayo. Imwied fit-28.1.1948. ID 63-682168J73	Gvernatur Provinċjali assoċiat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
(45)	Mathuthu, Thokozile (magħruf ukoll bħala Sithokozile)	Gvernatur tal-Provinċja: It-Tramuntana ta' Matabeeland u Viċi-Segretarju tal-Polituro ta' ZANU (PF), inkarigat mit-Trasport u l-Għajnejna Soċjali.	Gvernatur Provinċjali assoċiat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. F'Għunju 2008 għamel użu mill-pożizzjoni tiegħu biex jinstiga mibegħda kontra partitarji tal-MDC.
(46)	Matibiri, Innocent Tonderai	Assistent Kummissarju tal-Pulizija. Imwied fit-9.10.1968. ID 63-729730V70.	Membru anzjan tal-forzi tas-sigurtà, konness mal-qtıl ta' ħaddiem ta' azjenda agrikola.
(47)	Matiza, Joel Biggie	Eks-Viċi Ministro tal-Akkomodazzjoni Rurali u l-Faċilitajiet Soċjali, imwied fit-17.8.1960. Passport ZA557399.	Eks-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Organizza bażi-jiet fil-Punent u fin-Nofsinhar ta' Murehwa, minn fejn partitarji taż-ZANU-PF issorveljati minnu, qatlu lil Edward Pfuka fis-17 ta' Ġunju 2008 u lil Moses Nyada fid-19 ta' Ġunju 2008.
(48)	Matonga, Brighton (magħruf ukoll bħala Bright)	Eks-Viċi Ministro tal-Informationi u l-Pubbliċità, imwiedla fl-1969.	Eks-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Kelliem għall-partit. Mexxa grupp ta' partitarji taż-ZANU-PF li qatlu lill-mara ta' Dadidrayi Chipiro.
(49)	Mhandu, Cairo (magħruf ukoll bħala Kairo)	Maġġur fl-Armata Nazzjonali taż-Żimbabwe. Imwied fit-23.11.1960. ID 63-371574V15	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u wara l-elezzjonijiet fl-2008. Mexxa grupp ta' partitarji u veterani tal-gwerra li qatlu lil Gibbs Tawenga u lil Hama Ngowani fit-30 ta' Ġunju 2008.
(50)	Mhonda, Fidellis	Kurunell, Rushinga. Imwied fit-2.1.1958. ID 75-139696G81	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Mexxa vjolenza politika f'Rushinga.
(51)	Midzi, Amos Bernard (Mugenva)	Ministro tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri (eks-Ministro għall-Enerġija u l-Iżvilupp tal-Enerġija), imwiedla fl-4.7.1952.	President tal-partit taż-ZANU-PF f'Harare. Eks-membru tal-Gvern assoċiat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. Organizza konvoj ta' partitarji u suldati taż-ZANU-PF li attakkaw persuni u qerdu djar f'Ġunju 2008. Marbut ma' vjolenza f'Epworth, billi appoġġja bażiġiet ta' milizja fl-2008 u għal darb'oħra fl-2011.
(52)	Mnangagwa, Emmerson Dambudzo	Ministro tad-Diċiża, imwiedla fil-15.9.1946. Passaport AD00060. ID 63-450183P67	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt.

	Isem (u psewdomini possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(53)	Mohadi, Kembo Campbell Dugishi	Ko-Ministru tal-Affarijiet Interni (eks-Viċi Ministru tal-Gvernijiet Lokali, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Akkomodazzjoni Nazzjonali), imwied fil-15.11.1949. ID 02-012912X02	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt.
(54)	Moyo, Gilbert	"Veteran tal-Gwerra", mexxej tal-milzja taż-ZANU-PF.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008 fil-Punent ta' Mashonaland (Chegħu); involut fl-akkwist vjolenti ta' azjendi agrikoli.
(55)	Moyo, Jonathan Nathaniel	Eks-Ministru tal-Istat għall-Informazzjoni u l-Pubbliċità fl-Uffiċju tal-President, imwied fit-12.1.1957. Passaport AD000432. ID 63-857281M73	Eks-Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Instiga vjolenza u mibegħda, u arkitett ta' liggi li jimpedixxu l-libertà tal-espressjoni.
(56)	Moyo, Sibusio Bussie	Brigadier Ġeneral taż-ZNA.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u wara l-elezzjonijiet, inkluż fil-qtil ta' partitarji tal-MDC.
(57)	Moyo, Simon Khaya	President tal-Politburo taż-ZANU-PF, Viċi Segretarju għall-Affarijiet Legali, imwied fl-1945. Imwied fl-1.10.1945. Passaport ZD001512. ID 63-735452P56	Membru tal-politburo taż-ZANU-PF b'rabit attwali mal-politika ripressiva tiegħu.
(58)	Mpabanga, S.	Logutenent Kurunell, Lvant ta' Mwenzi	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u matul l-elezzjonijiet. Mexxa vjolenza b'motivi politiċi f'Mwenezi.
(59)	Mpofu, Obert Moses	Ministeru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, eks-Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ Industrijali (eks-Gvernatur Provinċjali: It-Tramuntana ta' Matabeleland) (Viċi Segretarju għas-Sigurtà Nazzjonali tal-Politburo taż-ZANU-PF), imwied fit-12.10.1951. Passaport ZD001549. ID 08-186074F79.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Marzu 2008 incità lil partitarji taż-ZANU-PF biex ikeċċu lil opponenti tal-MDC minn djarhom biex iwaqqfuhom milli jiddu taw.
(60)	Msipa, Cephas George	Eks-Gvernatur Provinċjali: tal-Midlands, imwied fis-7.7.1931.	Eks-Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
(61)	Muchena, Henry	Viċi-Marixxall tal-Forzi tal-Ajru, Midlands. Kap tal-Kummissarjat taż-ZANU-PF.	Uffiċjal militari anzjan marbut maż-ZANU-PF, involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet. Mexxa vjolenza f'Zhombe u f'Gokwe matul l-2008.
(62)	Muchena, Olivia Nyembesi (magħrufa wkoll bħala Nyembezi)	Ministru għall-Affarijiet tan-Nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-Iżvilupp tal-Komunità, eks-Ministru tal-Istat għax-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Uffiċju tal-President (eks-Minsitru tal-Istat fl-Uffiċju tal-Viċi President Msika), imwielda fit-18.8.1946. Passaport AD000086. ID 63-337191X50	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Konnessa ma' qtill motivat politikament u involuta personalment fil-querda tad-dar ta' Revai Katīvu fl-1 ta' Mejju 2008.

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(63)	Muchinguri, Oppah Chamu Zvipange	Segretarja tal-Politburo taż-ZANU-PF), inkarigata għill-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kultura (Eks-Ministru għall-Affarijiet tan-Nisa, l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Iżvilupp Komunitarju ( imwieda fl-14.12.1958. ID 63-741411R50	Eks-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF, għadha membru tal-Politburo taż-ZANU-PF. Kellha rwol ewljeni fil-vjolenza fil-provinċja ta' Masvingo fl-2008.
(64)	Muchono, C.	Kurunell-Logotenent, Mwenezi tal-Punent.	Direttament involut fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet, billi mexxa kampanja ta' terrur f'Mwenezi fl-2008.
(65)	Mudedde, Tobaiwa (magħruf ukoll bħala Tonneth)	Reġistratur Ġenerali, imwied fit-22.12.1942. ID 36-452750E70	Rabtiet mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika tal-istat, b'mod partikolari fir-rigward tat-tbagħbis tal-elezzjoni.
(66)	Mudenge, Isack Stanislaus Gorerazvo	Ministru tal-Edukazzjoni Terzjarja u dik Għolja (eks-Ministru tal-Affarijiet Barranin), imwieda fis-17.12.1941. alt 17.12.1948 Passaport AD000964. ID 63-645385Q22	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(67)	Mudonhi, Columbus	Assistant Spettur taż-Zimbabwe Republic Police.	Direttament involut fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet, billi mexxa l-vjolenza f'Buhera fl-2008.
(68)	Mugabe, Grace	Imwieda fit-23.7.1965; Passaport AD001159. ID 63-646650Q70	Assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Ħadet taħt idejha l-Iron Mask Estate fl-2002; allegata li tikseb profitti kbar mit-tħaffir għad-djamanti.
(69)	Mugariri, Bothwell	Eks-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Anzjan.	Eks-membru tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà estensiva għal vjolazzjonijiet gravi tal-ħelsien biex jitlaqqgħu ġemgħat paċċifċi. Bħala Uffiċjali inkarigat f'Harare, konness ma' operazzjonijiet vjolenti f'Marzu 2007.
(70)	Mujuru, Joyce Teurai Ropa	Viċi-President (eks-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma u l-Iżvilupp Infrastrutturali), imwieda fis-15.4.1955. ID 63-445325J18	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(71)	Mumba, Isaac	Supretendent.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u wara l-elezzjonijiet tal-2008. Fil-linja ta' kmand li organizzat il-vjolenza fir-raħal ta' Soka f'Muzrabani.
(72)	Mumbengegwi, Simbarashe Simbanenduku	Ministru tal-Affarijiet Barranin, imwieda fl-20.7.1945; Passaport: AD001086. ID 63-677272A12	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(73)	Murerwa, Herbert Muchemwa	Ministru tal-Artijiet u tar-Riokkupazzjoni Rurali, imwieda fil-31.7.1941. Passaport AD001167. ID 25-021670R25	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(74)	Musariri, Munyaradzi	Assistent Kummissarju tal-Pulizija.	Membru anzjan tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà għal laqqgħat paċċifċi, b'mod partikolari f'Murambatsvna f'Lulju 2005.

	Isem (u psewdomini possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(75)	Mushohwe, Christopher Chindoti	Gvernatur tal-Provinċja; ta' Manicaland. Manicaland (Eks Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet, eks-Deputat Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet), imwieleed fis-6.2.1954. ID 63-101480P75	Gvernatur Provinċjali assoċjat maż-ZANU-PF. Fi Frar 2009, akkumpanjat mis-suldati, qal lill-komunità ta' Chiadza li kienu ser jiġu rilokati mingħajr kumpens.
(76)	Mutasa, Didymus Noel Edwin	Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Presidenziali fl-Uffiċċju tal-President, eks-Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali, ir-Riforma tal-Artijiet u r-Riokkupazzjoni fl-Uffiċċju tal-President, ZANU-PF, Segretarju għall-Amministrazzjoni, imwieleed fis-27.7.1935 ID 63-358184Q42	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Involut fi qtıl f'Manicaland.
(77)	Mutezo, Munacho Thomas Alvar	Eks-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma u l-İżvilupp tal-Infrastruttura. Imwieleed fl-14.2.54. Passaport AN187189. ID 29-129727W44	Eks-membru tal-Gvern assoċjat maż-ZANU-PF. Ikkordina kampanja ta' terrur u intimida partitarji tal-MDC fil-Punent ta' Chimanimani flimkien maż-Zimbabwean National Army f'Awwissu 2010.
(78)	Mutinhiri, Ambros (magħruf ukoll bħala Ambrose)	Eks-Ministru għall-İżvilupp taż-Żgħażagħ, is-Sess u l-Ħolqien tal-Impijegi, Brigadier Irirat. Imwieleed fit-22.2.1944. Passaport AD000969. ID 63-285106H32.	Eks-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Marzu 2008, mexxa grupp ta' partitarji taż-ZANU-PF sa Landas u attakkaw diversi partitarji tal-MDC. Stabbilixxa u appoġġa bażżejjet militari f'Chihota fejn ħafna partitarji tal-MDC ġew attakkati u ttorturat.
(79)	Mutsunguma, S.	Kurunell, Headlands.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet fl-2008 f'Mutare u l-Highlands.
(80)	Mzembri, Walter	Ministru tat-Turiżmu u l-Industrija tal-Ospitälità, Eks-Viċi Ministro għar-Riżorsi tal-Ilma u l-İżvilupp tal-Infrastruttura, imwieleed fis-16.3.1964. ID 22-050240B22	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Responsabbli għall-organizzazzjoni ta' gruppi ta' partitarji taż-ZANU-PF biex jattakkaw residenti ta' Masvingo qabel iċ-ċelebrazzjonijiet tat-tmien anniversarju tal-MDC.
(81)	Mzikazi, Morgan S.	Kulunell (MID), Buhera Ċentrali.	Involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u matul l-elezzjonijiet. Involut fil-vjolenza marbuta mal-elezzjoni f'Makoni u Buhera fl-2008. Fl-11luu 2008 issekwestra MP tal-MDC għan-nofsinha ta' Buhera.
(82)	Nguni, Sylvester Robert	Ministru tal-Istat fl-Uffiċċju tal-President, eks-Ministru tal-İżvilupp Ekonomiku (Eks-Viċi Ministro tal-Agricolture), imwieleed fl-4.8.1955 alt 4.5.1955. Passaport ZE215371. ID 63-453707V32	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF
(83)	Nhema, Francis Chenayimoyo Dunstan	Ministru tal-Ambjent u l-Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali, u eks-Ministru tal-Ambjent u t-Turiżmu, imwieleed fis-7.4.1959 alt 17.4.1959. Passaport AD000966. ID 63-117843A66	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Settembru 2009, ġiegħel lill-operaturi tas-safari biex jirrinunzjaw sehemhom franches u riżervi.

	Isem (u psewdomini possibbi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(84)	Nkomo, John Landa	Viċi President. Eks-Speaker tal-Parlament (eks-Ministru għall-Affarijiet Speċjali fl-Uffiċċju tal-President), president nazzjonali taż-ZANU-PF, imwieleđ fit-22.8.1934. Passaport AD000477. ID 63-358161Q73	L-aktar li ilu Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(85)	Nyambuya, Michael Reuben	Eks-Ministru tal-Enerġija u l-Iżvilupp tal-Enerġija (eks-Logutent Ġenerali, Gvernatur Provinċjali: Manicaland), imwieleđ fit-23.7.1955. Passaport AN045019. ID 50-013758E50	Eks-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Involut fil-vjolenza f'Manicaland u uża persunal tal-armata biex jiġu akkwistati azjendi agrikoli.
(86)	Nyanhongo, Magadzire Hubert	Viċi Ministru tal-Enerġija u l-Iżvilupp tal-Enerġija, Eks-Viċi Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni. Imwieleđ fis-26.11.1957. ID 34-032890W34	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Involut fl-organizzazzjoni ta' vjolenza kontra l-MDC f'Epworth u Nyanga fl-2011. Involut fi qtil motivat politikament fl-2008.
(87)	Nyikayaramba, Douglas	Brigadier Ġeneral, Matebeleland tal-Lvant. Kmandant, it-3 Brigata.	Ufficijal anzjan involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Ordna lil suldati ta' rank minuri biex jikkonfrontaw lil partitarji tal-MDC f'Manicaland.
(88)	Nyoni, Sithembiso Gile Glad	Ministru għall-Iżvilupp tal-Impriżi ta' Daqs Żgħir u Medju u l-Ħolqien tal-Impijegi, imwieleđ fl-20.9.1949. Passaport AD000223. ID 08-434871M67	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(89)	Parirenatywa, David Pagwese	Eks-Ministru tas-Saħħa u l-Kurat-Tfal (eks-Viċi Ministru), imwieleđ fit-2.8.1950. Passaport AD000899. ID 63-320762P47	Eks-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Organizza bażi-jiet ta' tortura fit-tramtunata ta' Murehwa u ta appoġġ lill-klikek li qatlu lil Edward Pfukwa fis-17 ta' Ġunju 2008 u lil Alloys Chandisareva Sanyangore f' Novembru 2008.
(90)	Rangwani, Dani	Spettur Investigattiv tal-Pulizija. Imwieleđ fil-11.2.1962. ID 70-006039V70	Membru tal-forzi tas-sigurtà. Involut fi grupp ta' 50 persuna mħallsa direttament miż-ZANU-PF biex isibu u jittorturaw lill-partitarji tal-MDC f'April 2007.
(91)	Rugeje, Engelbert Abel	Maġġur Ġeneral, Provinċja ta' Masvingo. Direttur, Studji tad-Difiża, Forzi tad-Difiża taż-Żimbabwe. Data tat-Twelid: 17.7.1959 ID 63-539305L04	Ufficijali anzjan tal-armata involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008 billi kkoordinata l-parti l-kbira tal-inċidenti vjolenti f'Masvingo.
(92)	Rungani, Victor Tapiwa Chashe	Kurunell, Chikomba. Imwieleđ fid-29.6.1949. ID 22-025306Z04	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet f'Chikomba fl-2008, inklużi attakki u sekwestri.
(93)	Ruwodo, Richard	Direttur tal-Affarijiet tal-Veterani tal-Gwerra fil-Ministeru tad-Difiża. Brigadier Ġeneral, Promoss fit-12 ta' Awissu 2008 għall-grad ta' Maġġur Ġeneral (irtirat); eks-Aġent Sottosegretarju Permanenti għall-Ministeru tad-Difiża, imwieleđ fl-14.3.1954. ID 63-327604B50	Ufficijali anzjan tal-armata involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u wara l-elezzjonijiet. Jissorvelja veterani tal-gwerra, li bħala grupp ġew użati biex iwettqu l-politiki ta' ripressjoni tal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.

	Isem (u psewdomini possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(94)	Sakupwanya, Stanley Urayayi	Viċi Segretarju tal-Politburo taż-ZANU-PF għas-Saħħa u l-Kura tat-Tfal. Imwied fil-14.5.1939. ID 63-435281R50	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Konness ma' vjolenza elettorali f'Makoni matul l-Elezzjonijiet Presidenzjal tal-2008. Kmandant ta' bażi f'Makoni użata għall-interrogazzjoni.
(95)	Savanh, Tendai	Viċi Segretarju taż-ZANU-PF, għat-Trasport u l-Assistenza Soċċali, imwied fil-21.3.1968.	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Organizza milizzji biex jiġu attakkati partitari tal-MDC f'Mbare, mexxa l-vjolenza u l-kaos, fi Frar 2011. Involut fis-sekwestru ta' nisa tal-MDC f'Għunju 2008.
(96)	Sekeramayi, Sydney (magħruf ukoll bħala Sidney) Tigere	Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali fl-Uffiċċju tal-President. Eks-Ministru tad-Difiża, imwied fit-30.3.1944. ID 63-358166W43	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt taż-ZANU-PF
(97)	Sekeremayi, Lovemore	Kummissarju Elettorali Ewljeni.	Rabtiet mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat, permezz tat-tbagħbis tal-elezzjoni fl-2008.
(98)	Shamu, Webster Kotiwani	Ministru tal-Midja, l-Informazzjoni u l-Pubbliċità; eks-Ministru tal-Istat għall-Implimentazzjoni tal-Politika (eks-Ministru tal-Istat għall-Implimentazzjoni tal-Politika fl-Uffiċċju tal-President), imwied fis-6.6.1945. Passaport AN203141. ID 63-676065N32	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF involut f'attivitàjet li interferew mal-libertà tal-istampa fl-2009.
(99)	Shamuyarira, Nathan Marwirakuwa	Segretarju tal-Politburo taż-ZANU-PF għall-Informazzjoni u l-Pubbliċità, imwied fid-29.9.1928 jew fid-29.9.1930. Passaport AD000468. ID 63-327601Y32	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF b'rabit qawwija minn il-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Involut f'attentat vjolenti ta' akkwist ta' azjenda agrikola f'Settembru 2009 li spiċċat f'attakk bi ħruq volontarju.
(100)	Shiri, Perence (magħruf ukoll bħala Bigboy) Samson Chikerema	Mariċċal tal-Ajru (Forza -tal-Ajru), imwied fil-1.11.1955. ID 29-098876M18	Uffiċċjal militari anjian u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat. Involut fi vjolenza politika f'Chiadzwa f'Octubru 2008.
(101)	Shungu, Etherton	Brigadier Ġeneral, Mashonaland Ċentrali.	Uffiċċjal militari anjian taż-ZANU-PF Commissariat, involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet f'Bindura fl-2008.
(102)	Sibanda, Chris	Kurunell, Provinċja ta' Bulawayo.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet f'Byo fl-2008.
(103)	Sibanda, Jabulani	Eks-President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Veterani tal-Gwerra, imwied fil-31.12.1970.	Rabtiet mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat. Involut fi vjolenza kontra partitari tal-MDC f'Makoni, Bikita, Masvingo u Guto b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' programm ta' assistenza fl-2010.

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(104)	Sibanda, Misheck Julius Mpande	Segretarju tal-Kabinet (suċċessur għal Charles Utete), imwieleq fit-3.5.1949. ID 63-685365X67	Assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Marzu 2010 ta' istruzzjonijiet lill-Ministri u lis-segretarji tal-kabinet biex jirrapportaw lill-politika taż-ZANU-PF u mhux lill-Prim Ministro Morgan Tsvangirai.
(105)	Sibanda, Phillip Valerio (magħruf ukoll bħala Valentine)	Kmandant tal-Armata Nazzjonali taż-Żimbabwe, Logutenten General, imwieleq fil-25.8.1956 jew fl-24.12.1954. ID 63-357671H26	Personalità anzjana tal-armata b'rabbiet mal-Gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat, waqt li tefā' t-tort fuq l-NGOs għall-inkwiet f'Settembru 2009.
(106)	Sigauke, David	Brigadier Ġeneral, Mash Provinċja tal-Punent.	Personalità anzjana tal-armata involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet, inkluż vjolenza u tortura ta' ċittadini fil-kampijiet għat-tifx tad-djamanti u hedded b'kolp ta' stat jekk l-MDC jirbaħ l-elezzjonijiet. Konness ma' vjolenza f'Chinħoyi fl-2008.
(107)	Sikosana, (magħruf ukoll bħala Sikhosana), Absolom	Segretarju tal-Politburo taż-ZANU-PF għall-Affarijiet taż-Žgħażaq.	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Hedded li juża l-vjolenza fl-2011 jekk ma jitneħħewx is-sanzjonijiet.
(108)	Tarumbwa, Nathaniel Charles	Brigadier Ġeneral, Manicaland u n-Nofsinhar ta' Mutare. Imwieleq fis-6.10.1960. ID 63-849216W75	Ufficijal militari anzjan involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet. Inkarigat mill-bażi ta' tortura fi-Punent ta' Makoni, Mutasa Ċentrali fl-2007/2008.
(109)	Tomana, Johannes	Avukat Ġenerali. Imwieleq fid-9.9.1967. ID 50-036322F50	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(110)	Veterai, Edmore	Assistent Kummissarju Anzjan tal-Pulizija, Ufficijal Kmandant ta' Harare. Imwieleq fl-20.11.1962. ID 08-260467S04	Membru anzjan tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà wiesha għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà għal laqgħat paċifiċi, u involut fl-invażjoni ta' Farm Thirty.
(111)	Zhuwao, Patrick	Eks-Deputat Ministru tax-Xjenza u t-Teknoloġija. Imwieleq fit-23.5.1967. ID 63-621736K70	Eks-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Sfratta l-Konferenza fuq il-Kostituzzjoni f'Lulju 2009. Terrorizza sostenituri tal-MDC viċin Norton, akkumpanjat minn aġenti CIO.
(112)	Zimondi, Paradzai Willings	Direttur tal-Ħabsijiet, imwieleq fl-4.3.1947. ID 75-145185Z47	Membru tal-Kmand Operattiv Konġunt u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika ripressiva tal-istat. Responsabbli għall-finanzjament ta' milizzji fl-2008 u pprovdilhom akkomodazzjoni. Ordna lill-ufficijal tal-ħabsijiet li jivvutaw lil Mugabe, u responsabbli għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-ħabsijiet.

**II. Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(1)	Koperattiva Cold Comfort Farm Trust	7 Cowie Road, Tynwald, Harare, Żimbabwe.	Proprietà ta' Didymus Mutasa, Grace Mugabe hija involuta wkoll.
(2)	Comoil (PVT) Ltd	Block D, Emerald Hill Office, Emerald Park, Harare, Żimbabwe. 2nd Floor, Travel Plaza, 29 Mazoe Street, Box CY22344, Causeway, Harare, Żimbabwe.	Proprietà ta' Saviour Kasukuwere
(3)	Divine Homes (PVT) Ltd	6 Hillside Shopping Centre, Harare, Żimbabwe; 31 Kensington Highlands, Harare, Żimbabwe; 12 Meredith Drive, Eastlea, Harare, Żimbabwe.	Presedut minn David Chapfika.
(4)	Famba Safaris	4 Wayhill Lane, Umwisdale, Harare, Żimbabwe; PO Box CH273, Chisipite, Harare, Żimbabwe.	Is-sid ewlieni tal-ishma huwa Webster Shamu.
(5)	Jongwe Printing and Publishing Company (PVT) Ltd (magħrufa ukoll bħala Jongwe Printing and Publishing Co., magħrufa wkoll bħala Jongwe Printing and Publishing Company)	14 Austin Road, Coventry Road, Workington, PO Box 5988, Harare, Żimbabwe.	Il-fergħa tal-pubblikkazzjoni assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF
(6)	M & S Syndicate (PVT) Ltd	First Floor, Victory House, 88 Robert Mugabe Road, Harare, Żimbabwe; PO Box 1275, Harare, Żimbabwe.	Kumpannija tal-Investiment assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF
(7)	OSLEG Ltd (magħrufa wkoll bħala Operation Sovereign Legitimacy)	Lonhoro House, Union Avenue, Harare, Żimbabwe.	Ikkontrollata mill-armata taż-Żimbabwe Assoċjata mal-Ministeru tad-Difiża u mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(8)	Swift Investments (PVT) Ltd	730 Cowie Road, Tynwald, Harare, Żimbabwe; PO Box 3928, Harare, Zimbabwe.	Assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(9)	Zidco Holdings (magħrufa wkoll bħala Zidco Holdings (PVT) Ltd)	PO Box 1275, Harare, Żimbabwe.	Kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(10)	Zimbabwe Defence Industries	10th floor, Trustee House, 55 Samora Machel Avenue, PO Box 6597, Harare, Żimbabwe.	Assoċjata mal-Ministeru tad-Difiża u mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(11)	Zimbabwe Mining Development Corporation	90 Mutare Road, PO Box 2628, Harare, Żimbabwe.	Assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. ZMDC taqa' taħt ir-responsabbiltà tal- <b>Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri</b> taż-ZANU-PF."

*ANNESS II**“ANNESS II***Websajts għal tagħrif dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl- L-Artikoli 4, 7 u 8 u indirizz għan-notifikasi lill-Kummissjoni Ewropea**

Il-BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

Il-BULGARIJA

<http://www.mfa.govment.bg>

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

ID-DANIMARKA

<http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/>

IL-ĠERMANJA

<http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html>

L-ESTONJA

[http://www.vm.ee/est/kat\\_622/](http://www.vm.ee/est/kat_622/)

L-IRLANDA

<http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519>

IL-GREĊJA

<http://www1.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html>

SPANJA

[http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones\\_%20Internacionales.aspx](http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones_%20Internacionales.aspx)

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

L-ITALJA

<http://www.esteri.it/UE/deroghe.html>

ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

IL-LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

IL-LITWANJA

<http://www.urm.lt>

IL-LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

L-UNGERIJA

<http://www.kormany.hu/download/5/35/50000/ENSZBT-ET-szankcios-tajekoztato.pdf>

MALTA

[http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions\\_monitoring.asp](http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp)

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

<http://www.minbuza.nl/sancties>

IL-AWSTRIJA

[http://www.bmeia.gv.at/view.php?f\\_id=12750&LNG=en&version=](http://www.bmeia.gv.at/view.php?f_id=12750&LNG=en&version=)

IL-POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

IL-PORTUGALL

<http://www.min-nestrangeiros.pt>

IR-RUMANIJA

<http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3>

IS-SLOVENJA

[http://www.mzz.gov.si/si/zunanja\\_politika\\_in\\_mednarodno\\_pravo/zunanja\\_politika/mednarodna\\_varnost/omejevalni\\_ukrepi/](http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika_in_mednarodno_pravo/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/)

IS-SLOVAKJA

<http://www.foreign.gov.sk>

IL-FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet>

L-ISVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

IR-RENJU UNIT

[www.fco.gov.uk/competentauthorities](http://www.fco.gov.uk/competentauthorities)

**Indirizz għan-notifikasi lill-Kummissjoni Ewropea:**

Il-Kummissjoni Ewropea

Is-Servizz tal-Instrumenti tal-Politika Barranija (FPI)

Uffiċċju: EEAS/309

B-1049 Bruxelles / Brussel

Il-Belġju

E-mail: [relex-sanctions@ec.europa.eu](mailto:relex-sanctions@ec.europa.eu)"

---